

Brussell, 23 ta' Frar 2024  
(OR. en)

6683/24

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0379(COD)**

---

**CODEC 521**  
**TELECOM 70**  
**DIGIT 50**  
**CYBER 50**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli) <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 172 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-22 ta' Marzu 2023<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Mejju 2023<sup>3</sup>.
4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Jannar 2023<sup>4</sup>.
5. Fis-6 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>5</sup>.

---

<sup>1</sup> 14973/22 + ADD 1 sa 5.

<sup>2</sup> ĠU C 184, 25.5.2023, p. 28.

<sup>3</sup> ĠU C 257, 21.7.2023, p. 28.

<sup>4</sup> ĠU C 60, 17.2.2023, p. 17.

<sup>5</sup> 6161/24.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 73/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
7. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---